MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 114/2008

**Avukat Peter Fenech bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera *Nokia Corporation***

***Versus***

**Avukat Patrick Valentino u P.L. Doreen Aquilina maħtura b'digriet tal-21 ta' Frar 2008 bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-soċjetà esportatriċi *Al Manakeb General Trading L.L.C.* u lill-kunsinjatarju *Eurl SXNTEX Import/ Export*.**

Din hija kawża dwar *trademarks*.
Ir-rikors igħid illi s-soċjetà attriċi għandha irreġistrati Malta t-*trademark* "*NOKIA*" bin-numri 33323 u 33324*.*
Il-Kontrollur tad-Dwana kien żamm fil-Port Ħieles il-*container* CRXU 3087698 fuq il-vapur *M/V Fowairet* li kien fih ħdax-il elf, seba' mija u erbgħin (11,740) aċċessorji tal-*mobile phone* konsistenti f'elf disa' mija u ħamsin (1,950) *car chargers,* erbat elef, sitt mija u disgħin (4,690) *chargers,* elf u mitejn (1,200) *batteries,* elf u tmenin mija

(1,800) *phone covers,* elfejn u mija (2,100) *headsets*, u *prima facie* dehru ċar lill-istess kontrollur illi kienu jiksru dritt ta' proprjetà industrijali. L-attriċi kienet mgħarrfa b'dan fil-15 ta' Jannar, 2008 u ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana illi dawn l-aċċessorji tal-*mobile phone* – li, skond ma għarrafha l-kontrollur, huma ħdax-il elf, seba' mija u erbgħin (11,740) b'kollox – huma tassew falzifikati, bi ksur tad-drittijiet tagħha ta' proprjetà industrijali.

L-attriċi għalhekk fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tiddikjara li l-oġġetti konsistenti f'aċċessorji tal-*mobile*, b'kollox ħdax-il elf, seba' mija u erbgħin (11,740) konsistenti f'elf disa' mija u ħamsin (1,950) *car chargers,* erbat elef, sitt mija u disgħin (4,690) *chargers,* elf u mitejn (1,200) *batteries,* elf u tmenin mija (1,800) *phone covers,* elfejn u mija (2,100) *headsets*, kollha bil-marka "*NOKIA*", u li jinsabu bħalissa taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien żamm milli jinħareġ il-*container* bin-numru CRXU 3087698 li kien fih l-imsemmija aċċessorji tal-*mobile*, huma kontrafatti u jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tal-attriċi fuq it-*trademarks* tagħha "*NOKIA*" mogħtija n-numru ta' reġistrazzjoni 33323 u 33324;
2. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn dawk l-aċċessorji tal-*mobile* 'l hinn mil-kanali tal-kummerċ hekk li ma ssirx xi ħsara lill-attriċi, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jeqred dawk l-aċċessorji tal-*mobile,* f'kull każ mingħajr ebda kumpens lill-konvenuti u bi flushom;
3. tordna li l-konvenuti għandhom ibatu l-ispejjeż kollha biex isr dak li l-qorti tordna għall-għanijiet tat-tieni u t-tielet talba tal-attriċi, fosthom dawk tal-ġarr, tal-ħażna u tal-qerda tagħhom, tat-*tallying* u l-ispejjeż tal-Kontrolllur tad-Dwana.

Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż ġudizzjarji.

Waqt is-smigħ tal-kawża l-qorti rat ix-xiehda mressqa mis-soċjetà attriċi, fosthom l-*affidavit* ta' Av. Peter Fenech kif ukoll l-*affidavit* ta' George Agius, uffiċċjal tad-Dwana responsabbli ghall-qbid u detenzjoni tal-*container* u l-merkanzija suspettuża u r-rapport tat-12 ta' Frar 2008 magħmul minn Terhi Klemola, funzjonarju ta' *Nokia Corporation*.

Skond l-art. 10(2)(*b*) ta' l-Att dwar it-*Trademarks* [Kap. 416], ikun hemm ksur ta' *trademark* reġistrata ukoll meta "is-sinjal ikun simili għat-*trademark* u jintuża għar-rigward ta' oġġetti jew servizzi identiċi ma', jew simili għal dawk li dwarhom it-*trademark* tkun reġistrata".

Għal dawn ir-raġunijiet, billi x-xiehda turi tassew illi s-soċjetà konvenuta kisret id-dritt tas-soċjetà attriċi fi *trademarks* reġistrati, it-talbiet ta' l-attriċi għandhom jintlaqgħu. Għalhekk il-qorti taqta' l-kawża billi:

1. tgħid illi l-aċċessorji tal-*mobile* miżmuma mill-Kontrollur tad-Dwana jiksru d-drittijiet ta' proprjetà industrijali li għandha l-attriċi fit-*trademarks* reġistrati f'isimha;
2. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana jeqred dawn l-aċċessorji tal-*mobile* fi żmien xahar millum, u fil-preżenza ta' rappreżentant tas-soċjetà attriċi; u
3. tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha, kemm dawk ġudizzjarji u kemm dawk biex jinżammu, biex jinġarru u biex jinqerdu aċċessorji tal-*mobile*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------